MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 58

30 ta' Ġunju 2016

Minuti tas-seduta Nru. 58 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 11.3. **(Ref: T/4/10/Vol II)** tas-seduta ta' qabel u talab li tinqara kif ġej:

*"11.3. Is-Sur J. Buttigieg, qal li huwa ġie avviċinat mill-operatur tal-Maritim Hotel Antonin & Spa, li għandhom l-intenzjoni li jibdlu d-dwal eżistenti li hemm fuq il-pont ta' Triq Adenau, peress li dawn qdiemu u wħud minnhom anke kienu ntlaqtu bil-vetturi. Fid-dawl ta' dan, l-operaturi taż-żewġ lukandi ntalbu jikkuntattjaw lil xulxin sabiex jidentifikaw disinn wieħed ħalli d-dwal kollha jiġu pariġġ. Is-Sindku qal li l-operaturi tal-Pergola Club Hotel jidhru li ser ipoġġu l-imwejjed u s-siġġijiet wara li jgħaddi s-sajf. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li kull ma jsir fil-taraġ għandu jkun parti minn pjan ħollistiku.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 57 li saret fl-14 ta Ġunju 2016 ġew approvati skont l-emenda mitluba u kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Periklu fi Triq Santa Marija (T/3/2/Vol XII)

2.1.2. Saret referenza għall-minuti 15.1. u 2.3.1. tal-ewwel u t-tieni parti tas-seduta preċedenti dwar ħsara fil-proprjetà li tinsab fi Triq Santa Marija, kantuniera ma' Triq il-Kappillan Magri. Saret referenza wkoll għal imejl datat 20 ta' Ġunju 2016, mibgħut mis-Sur Carmelo Bartolo li huwa proprjetarju tal-imsemmija binja - Francis Flats.

2.1.3. Il-Kunsill innota li l-proprjetarji ma jidhrux daqstant favur l-ideja li jsiru *crash barriers*, għaliex il-periklu jista' jiġi eliminat billi ma jsirx ipparkjar faċċata ta' Francis Flats, bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq in-Nofsinhar.

2.1.4. Is-Sindku kkummenta li t-twaħħil ta' *crash barrier* fuq il-bankina jillimita l-użu tagħha, filwaqt li jekk il-*crash barrier* titwaħħal fit-triq, din ser tkompli ddejjaq il-karreġġjata.

2.1.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir spezzjoni fuq il-post, flimkien ma' uffiċjali minn Transport Malta, bil-għan li tinstab soluzzjoni.

**2.2.1. Impjieg ta persuna taħt l-*Inclusive Employment Scheme (CIES)* (P/7/2/Vol II)**

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel li kienet titratta l-impjieg tas-Sur Jonathan Camilleri mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fuq bażi *part-time* taħt l-iskema msemmija.

2.2.3. Is-Segretarju qal li permezz ta' imejl datat 23 ta' Ġunju 2016, huwa għarraf lis-Sur Camilleri sabiex jibda x-xogħol mal-Kunsill b'effett mill-1 ta' Lulju 2016, skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt li kien hemm mehmuż magħha. Kompla jgħid li b'diversi imejls, is-Sur Camilleri wera li m'għandux l-intenzjoni li jieħu din l-opportunità. Il-kontenut tal-imejls imsemmija ġie moqri lill-Kunsill.

2.2.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan l-iżvilupp.

**2.3.1. Mellieħa *Music Festival* 2016 (A/5/3/4)**

2.3.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li l-edizzjoni li jmiss tal-avveniment imsemmi ssir mill-1 sal-4 ta' Ġunju 2017. Huwa ppropona dan sabiex id-dati jkunu jistgħu jiġu mtella' fis-sit elettroniku tal-Kunsill u fuq il-*media* soċjali.

2.3.3. Il-Kunsill approva d-dati proposti.

**2.4.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/3/1/Vol XIV)**

2.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-andament tal-attività kien wieħed tajjeb filwaqt li kien sodisfaċenti mil-lat ta' konkorrenza tal-pubbliku u t-turisti.

2.4.3. Il-Kunsill qabel mal-kontenut tal-minuta 2.4.2.

**3.0. Tqegħid ta'Karti**

- *Purchase Request Form* – 24/06/16;
- Skeda ta' pagamenti – 10/06/16 – 24/06/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet.

**4.0. Korrispondenza**

**4.1.1. *Pelican crossing* fi Triq il-Kbira (T/3/3/Vol V)**

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta'Mejju 2016, mibgħut mis-Sur Ernest Vella fejn talab li ssir *pellican crossing* fi Triq il-Kbira, fil-parti bejn Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Snajjin. Din it-talba saret billi hemm anzjani li jsibuha diffiċli li jaqsmu bla periklu, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-*bus stop* li qabel kien hemm f'din il-parti tat-triq issa tneħħa.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhemmx spazju biżżejjed biex issir *pellican crossing* minħabba l-kantunieri ma' Triq Ġorġ Borg Olivier u ma' Triq Franġisk Zahra, il-postijiet riżervati għall-ħatt u tagħbija u l-ħanut tal-U-Bet, flimkien mal-*bus bay* eżistenti, kantuniera ma' Triq tas-Salib.

4.1.4. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett saret referenza għall-mistoqsija parlamentari PQ26477 tal-4 ta' Lulju 2016, fejn il-Ministru tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura ntalab jikkonferma jekk ir-*rumble strips* li saru fl-aħħar ġimgħat fi Triq il-Kbira sarux bl-approvazzjoni ta' Transport Malta, kif ukoll jekk l-istess awtorità hijiex konxja mill-periklu li qed jesperjenzaw is-sewwieqa li jkunu għaddejjin minn din it-triq traffikuża minħabba l-istess *rumble strips.* Fit-tweġiba mogħtija mill-Ministru ntqal li l-limitu tal-veloċità fi Triq il-Kbira huwa ta' 35 kilometru fis-siegħa, liema limitu ma kienx qed jiġi rispettat, filwaqt li kien hemm diversi nċidenti li ġagħlu l-Kunsill Lokali

jirrakkomanda r-*rumble strips*. Il-Ministru wieġeb li t-talba ġiet milqugħa, filwaqt li r-*rumble strips* saru skont l-i*standards* addottati mill-awtorità.

4.1.5. Is-Sindku kkummenta li s-sewwieqa qed jidrawhom għaliex saru konxji tagħhom, u fil-fatt l-ilmenti li kien hemm fil-bidu, naqsu.

### 4.2.1. Agia Napa Festival (K/1/5/4)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 13 ta'Ġunju 2016, mibgħuta mill-Munċipalità ta' Agia Napa f' Ċipru, fejn stiednu lill-Kunsill sabiex jibgħat żewġ rappreżentanti għall-avveniment imsemmi, li ser iseħħ bejn it-22 u l-25 ta' Settembru 2016.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jattendu l-Kunsillieri A. Brincat Stellini u J. Gauci. Is-Sinjura A. Brincat Stellini esprimiet id-dubji tagħha kemm ikun possibbli għaliha li tattendi, minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill qabel li kemm-il darba hija ma tkunx tista' tattendi, imur is-Sindku J. Buttigieg.

### 4.3.1. Festa ta' Selmun (F/2/2)

4.3.2. Saret referenza għall-ittra datata 16 ta' Ġunju 2016, mibgħuta mis-Selmun Residents Association, fejn intqal li fl-assenza tal-permess mill-Kurja biex issir il-parti liturġika tal-Festa tal-Madonna tal-Fidwa f'Selmun, l-assoċjazzjoni xorta waħda għandha l-intenzjoni li tibqa' għaddejja bl-aspett soċjali tal-festa. Għaldaqstant appellaw lill-Kunsill sabiex jappoġġja din l-inizjattiva bil-ħruġ tal-permessi meħtieġa, kif ukoll bl-iffinanzjar parzjali tagħha.

4.3.3. Il-Kunsill ma' sab ebda oġġezzjoni li jingħata l-permess għall-attività, filwaqt li approva wkoll li l-involviment finanzjarju tiegħu m'għandux jaqbeż €300.

### 4.4.1. Żvilupp fiż-żona tal-barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)

4.4.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni għal applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar – PA 3233/16 - sabiex tiġi żviluppata biċċa art oħra fiż-żona msemmija. L-art in kwistjoni hija konfinanti minn Triq Ta' Masrija u triq ġdida illi ppjanata li tgħaddi minn nofs iż-żona tal-barrieri. Il-proposta tinvolvi il-bini ta' tnax-il appartament, żewġ mezzanini, tliet *penthouses*, żewġ ħwienet, garaxxijiet, u ġnien pubbliku.

4.4.3. Ġie nnutat li l-għoli tal-bini 'l fuq mill-wiċċ tat-triq huwa ta' ħames sulari flimkien ma' *penthouses* irtirati. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-għoli propost, sakemm dan huwa konformi mal-*policy* għaż-żona tal-barrieri, approvata mill-Awtorità f'Settembru 2015 – PC 0046/13.

### 4.5.1. Tpinġija fuq il-ħitan (S/4/Vol VI)

4.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal ittra mibgħuta minn Scuola Internazionale per la Tecnica dell'Affresco li magħha hemm imsieħba l-Malta International School for Fresco Painting. Dawn qed jitolbu lill-Kunsill jindika ħitan fil-lokalità li tista' issir tpinġija fuqhom minn studenti barranin. Kemm-il darba li sid-il post ikun interessat, l-iskola tħejji disinn li jiġi approvat mill-istess sid, kemm-il darba jkun lest li jagħmel tajjeb għall-akkomodazzjoni u l-ikel tal-istudenti li jagħmlu x-xogħol.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jinġiebu aktar dettalji qabel ikompli jiddiskuti din il-proposta.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 24 ta' Gunju 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-10 u l-24 ta' Ġunju 2016.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Ftehim dwar il-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara) (P/4/4/Vol IV)

7.2. Is-Sindku rrefera għall-laqgħa li saret ma' delegazzjoni mill-Art Club 2000 li kienet komposta mis-Segretarju s-Sur Anthony Valletta u s-Sur Alfred Mifsud. Is-Sur J. Buttigieg talab is-sospensjoni tas-seduta sabiex isiru nterventi mid-delegazzjoni tal-Art Club 2000, li kienu preżenti.

7.3. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li l-iskop tal-laqgħa huwa li jiġġedded il-ftehim li kien sar bejn il-Kunsill u l-klabb fil-21 ta' Frar 2005, liema ftehim baqa' ma ġiex imġedded minkejja l-isforzi li kienu saru anke mill-Kunsill preċedenti. Kompla jgħid li dan ġie diskuss u rivedut mill-ġdid mill-Kunsill attwali, għalkemm essenzjalment mhemmx tibdil sinifikanti. Il-ftehim il-ġdid jagħmilha ċara li għandu jkun hemm kumitat ta' superviżjoni kompost minn *Chairman* u membru maħtur mill-Kunsill u membru ieħor nominat mill-klabb. L-iskop tiegħu huwa li l-kumitat iservi ta' ħolqa komunikattiva bejn il-klabb u l-Kunsill.

7.4. Is-Sur Valletta talab skuża li din il-laqgħa ma setgħatx issir qabel, peress li kemm huwa u l-president kienu impenjati b'affarijiet personali, kif ukoll bl-attivitajiet tal-klabb. Kompla jgħid li n-numru ta' nies li jżuru l-batterija qatt ma kien xi wieħed kbir, filwaqt li reċentement kompla naqas billi jkun hemm uħud li jibżgħu jidħlu meta jaraw il-ħitan tal-batterija mwieżna bil-blokki tal-konkos. Is-Sur Valletta kkummenta li t-tariffa ta' €2.33 lanqas ma tħajjar lin-nies jidħlu u għaldaqstant id-dħul huwa wieħed miżeru li jintuża biex jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet żgħar li jinqalgħu minn żmien għal żmien. Huwa qal ukoll li l-klabb għad m'għandux it-test tal-ftehim rivedut u għalhekk ma ġiex diskuss mill-kumitat tal-Art Club.

7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu 2016 u diversi imejl oħra, il-klabb kien ġie nfurmat li l-Kunsill għandu l-intenzjoni li jirrevedi l-ftehim u staqsa jekk kienx hemm xi emendi proposti minn naħa tal-istess klabb.

7.6. Wara li ntemm l-intervent mis-Sur A. Valletta, is-Sindku qal illi huwa importanti li l-ftehim jiġi rijattivat mill-ġdid bil-għan li tinħoloq linja ta' komunikazzjoni kontinwa, li permezz tagħha l-problemi li jinqalgħu jiġu trattati mill-ewwel. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li għaddejjin diversi kuntatti biex jinġieb il-finanzjament meħtieġ minn diversi sorsi, sabiex isir ir-restawr meħtieġ.

7.7. Fit-tkomplija tas-seduta, kien hemm qbil li fis-seduta li jmiss għandha tattendi mill-ġdid delegazzjoni mill-Art Club biex jiġi diskuss it-test tal-ftehim.

## 8.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2016 (P/3/5)( A/5/3/1/Vol XVI)

8.2. Is-Sindku għarraf li dawk li kienu ressqu n-nomini għal onorefiċenzi qabel l-2010 ġew mitluba dwar jekk jixtiequx iġedduhom u f'każ li jagħmlu hekk, jeħtieġ li jgħaddu *curriculum vita* aġġornat tal-persuna jew entità konċernata. Intbagħtu ittri lill-għaqdiet tal-lokalità dwar nomini ġodda, flimkien mal-kriterji.

8.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li fis-serata li fiha jiġu ppreżentati l-unuri, ikun hemm it-tnedija tal-antoloġija ta' Anthony Fenech " L-Għanja ta' Ħajti". L-aspett mużikali jkun bis-sehem ta' Joe S. Grech u s-serata tintemm b'bibità.

8.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li l-pubblikazzjoni "Għanja ta' Ħajti" ta' Anthony Fenech għandha tiġi offruta bi prezz skontat, liema prezz ma' ġiex speċifikat.

8.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressaq fil-minuta 8.3 u 8.4. aktar 'l fuq.

8.6. Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir kuntatt mas-Sur Arnold Hoffmann – is-Sindku ta' Adenau – sabiex jiġi kkonfermat dwar jekk huwiex ser jattendi u hekk is-serata tkun taħt il patroċinju tiegħu.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2016 (A/5/3/5/Vol V)

9.2. Il-Viċi Sindku għarraf li għaddejjin kuntatti sabiex tinġieb *tribute band* tal-Beatles komposta minn erba' mużiċisti Taljani, li tkun iffinanzjata permezz ta' *sponsorship*, filwaqt li l-Kunsill qed jintalab jipprovdi l-akkomodazzjoni u l-loġistika.

9.3. Is-Sur C. Bartolo ppropona wkoll li jkun hemm palk fi Triq il-Mitħna l-Qadima, kantuniera ma' Triq il-Kbira. Palk ieħor ġie propost fi Triq il-Madonna ta' Fatima, kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier, fejn ser jittella' talent żgħażugħ. Huwa ppropna li jsir palk ieħor aktar 'l isfel kantuniera ma' Triq San Publiju għal *classical rock performances*. Issuġġerixxa wkoll rokna għall-mużika jazz aktar 'l isfel, filwaqt li jkun hemm kant korali fil-Bitħa tas-Santwarju. Il-palk ewlieni ser ikun f'Misraħ il-Parroċċa fejn ikun hemm spettaklu mill-kantanti Georgina Abela u Olivia Lewis. Fl-aħħar jum tal-Iljieli jkun hemm spettaklu fuq l-istess palk mill-grupp JAMM.

9.4. Ġie propost ukoll li jkun hemm servizz ta' *park-and-ride* minn fejn ir-*roundabout* ta' Selmun sa Triq Franġisk Zahra, bejn is-7.00pm u 10.30pm, u minn Triq San Pawl sar *roundabout* ta' Selmun bejn l-10.30pm u 12.00pm.

9.5. Il-proposti mressqa skont il-minuti 9.2 u 9.3 intlaqgħu, sakemm dawn ikunu assorbiti fil-baġit allokat mill-Kunsill fl-Estimi 2016.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku John Buttigieg illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti (4/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex isiru Xogħlijiet Infrastrutturali fi Triq Sant' Anna k/m Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq il-Mitħna l-Qadima, skont permess mogħti mill-MEPA – DN 780/15;**

**Billi skont ma jidher mil-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tas-27 ta' April 2016, saret evalwazzjoni taż-żewġ offerti li ġew sottomessi, kif ukoll saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-offerent Central Asphalt Ltd;**

**Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2016, taħt il-kont Nru. 7518;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent imsemmi, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".**
**(P/4/17/Vol II)**

10.2. Is-Sindku għarraf li l-offerent Dimbros Ltd ġie mgħarraf li l-offerta tiegħu ma kinitx eliġibbli peress li kellha numru ta' dokumenti li ma ġewx sottomessi. Dan sar permezz ta' ittra reġistrata data 19 ta' Mejju 2016.

10.3. Is-Sindku qal li saret laqgħa mal-uniku offerent li kien fadal – Central Asphalt Ltd – bil-għan li jiġu ċċarati ċerti rati kkwotati fil-*bill of quantities*. Din saret fil-preżenza tal-periti taż-żewġ naħat. Is-Sur J. Buttigieg spjega li l-offerent imsemmi naqqas ir-rati li huwa kkwota fl-offerta tiegħu b'7% fuq dawk ix-xogħlijiet li mhux ser jiġu *sub-contracted*. Għaldaqstant, ix-xogħol tal-puġġamani tal-ħadid u l-installazzjoni tal-elettriku baqgħu l-istess.

10.4. Wara l-intervent li sar, il-Kunsill approva l-mozzjoni unanimament wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

## 11.1. Eżitù tal-kawża Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieħa et (T/4/13/Vol XII)

11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li minkejja illi l-Imħallef l-Onor. S. Meli fit-28 ta' Ġunju 2016 ta s-sentenza tiegħu dwar il-kawża msemmija, iżda t-test tagħha kien għadu ma ġiex ippubblikat onlajn.

11.3. Kien hemm qbil li għandha ssir l-laqgħa mal-konsulent legali tal-Kunsill fuq din il-kawża fl-ewwel opportunità possibbli qabel jiskadi l-perjodu li fiħ jista' isir appell.

## 12.1. Sejħiet għall-offerti dwar:

**(a) Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Toroq Mhux Urbani;**
**(b) Servizz ta' *Contracts Management* u Servizzi Anċillari;**
**(ċ) Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku; u**
**(d). Servizz ta' Tindif ta' Toroq Urbani**
**(T/4/5/Vol IV) (T/4/6/Vol IV) (K/6/5/2) (K/6/4/Vol III)**

12.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-kuntratti (a) u (b) skadew fi Frar u Marzu 2016, rispettivament u s-sejħa għalihom ma' saritx peress li fl-istess perjodu kien għaddej l-ipproċessar ta' seba' sejħiet oħra. Il-kuntratti (ċ) u (d) ser jiskadu f'Lulju u Settembru 2016, rispettivament. Is-Sur C. Debono staqsa dwar jekk il-Kunsill għandux l-intenzjoni li jagħmel xi tibdil fid-dokument tal-offerta.

12.3. Fir-rigward tal-kuntratt (a), is-Sindku ppropona li fost il-postijiet u toroq li għandhom jiġu nklużi mat-toroq rurali li għandhom jiġu mnaddfa, għandhom jiżdiedu: (i) il-parkeġġ fejn il-latrina pubblika fl-Għadira; it-triq ta' Rdum id-Delli u t-triq tad-Dar il-Bajda.

12.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 12.3.

12.5. Is-Sindku ppropona li fir-rigward tal-kuntratt (d), ikun aħjar li l-knis isir bl-idejn, billi l-esperjenza wriet li l-użu ta' mezzi mekkanizzati huwa mxekkel b'vetturi pparkjati u ħafna drabi qed isir bl-idejn xorta waħda, minħabba din ir-raġuni.

12.6. Il-Kunsill approva l-proposta fil-minuta 12.4, kif ukoll iddeċieda li s-servizz għandu jingħata permezz ta' żewġ kenniesa mit-Tnejn sas-Sibt, filwaqt li fil-Ħdud ikun servizz limitat fit-toroq ewlenin biss. Is-servizz li jintalab fid-dokument tal-offerta għandu jinkludi wkoll servizzi li jintalbu darba fis-sena bħalma hija il-Festa tal-Vitorja, u attivitajiet oħra li jiġu organizzati fuq bażi annwali.

12.7. Kien hemm qbil ukoll li mhemmx ħtieġa ta' tibdil fil-kuntratti (b) u (ċ).

## 13.1. Tqegħid ta' bank fil-*Playing Field ta'* Triq l-Erwieħ (P/4/14)

13.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie avviċinat minn iben ta' persuna li ġiet nieqsa riċentement illi jixtieq jisponsorja bank bi plakka fuqu bl-isem ta' missieru li kien jiffrekwenta dan il-post kull meta jkun Malta.

13.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 14.1. Parteċipazzjoni f'attivitajiet fil-lokalità (A/5/5/Vol IV)

14.2. Is-Sindku appella lill-Kunsillieri sabiex kemm jista' ikun jattendu għall-attivitajiet segwenti:

| | |
|---|---|
| 1 ta' Lulju | Attività edukattiva fil-Bajja tal-Ghadira mtella' minn Green MT Ltd flimkien mal-Kunsill. Waqt din l-attività ikun hemm logħob għal kulħadd, bil-ghan li tinholoq kuxjenza dwar l-importanza tal-indafa fuq ix-xtut li fl-aħħar mill-aħħar hija azzjonji fl-ispirtu tal-*Blue Flag*. L-attività ser issir ukoll bil-kollaborazzjoni tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u d-Direttorat tal-Indafa Pubblika. |
| 3 ta' Lulju | Attività b'riżq Puttinu Cares u l-Marigold Foundation fil-Park tal-Familja organizzata mis-Sur Joseph Scicluna u l-Mellieħa Youths. |
| 4 ta' Lulju | Mixja organizzata minn studenti tar-raba' sena fil-fakoltà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. L-attività qed tissejjeħ "Nimxu Flimkien l-Ewwel Pass għal Saħħitna" tinvoli mixja ta' ħames kilometri li tkun tinkludi postijiet storiċi fil-lokalità. |

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Korsijiet tal-kompjuter (E/3/1/9/Vol IV)

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li kien hemm konkorrenza tajba f'dak li huwa applikazzjonijiet għall-korsijiet tal-kompjuter i-Kids, billi kien hemm sittin waħda. Il-korsijiet ser jibdew f'Lulju 2016 u jingħataw fis-Sala tal-Kunsill.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**16.1. Kors taż-żfin (E/3/1/8)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li għaddejjin kuntatti ma' ŻfinMalta Dance Ensemble sabiex isir kors ta' tliet ijiem fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Għaldaqstant hija pproponiet li jsiru kuntatti mal-uffiċjal inkarigat miċ-ċentru sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx min huwa interessat.

16.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**17.1. Spustjar ta' faċilitajiet għall-ipparkjar (T/3/2/Vol XII)**

17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li hija ġiet mitluba mill-Pulizija stazzjonati fl-għassa tal-Mellieħa sabiex l-area riżervata għall-vetturi tal-Pulizija ma tibqax fi Triq Ġorġ Borg Olivier fuq in-naħa tal-wied u terġa' tmur fejn kienet qabel, fuq in-naħa l-oħra tat-triq, fejn huwa iktar konvenjenti, partikularment meta l-Pulizija tiġbor xi persuna.

17.3. Is-Segretarju fakkar li area riżervata għall-persuni b'diżabilità u dik tal-Pulizija kienu ġew spustjati fuq talba tal-istess Pulizija peress li dawn il-postijiet kienu qed jittieħdu bl-armar tal-kjoskijiet fil-festi tal-Vitorja u dik tas-Santwarju, kif ukoll waqt attivitajiet oħra. Is-Sur C. Debono, qal li fiċ-ċirkostanzi jkun iktar għaqli jekk issir talba bil-kitba mill-Ispettur tad-Diviżjoni, jew mis-Supretendent tad-Distrett.

17.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li din il-problema tinqala' għal ftit tal-jiem fis-sena u allura m'għandhiex iżżomm lill-Kunsill milli jerġa' jispostja ż-żewġ areas għan-naħa l-oħra tat-triq.

17.5. Is-Sindku qal li huwa ma jarax x'benefiċċji ser ikun hemm jekk iż-żewġ areas jittieħdu fejn kienu qabel, għar-raġuni li fejn qiegħdin attwalment, faċċata tal-Għassa, huma biss ftit metri bogħod, fejn wieħed jista' jaqsam minn fuq *pellican crossing*.

**18.1. Nuqqasijiet fil-parti t'isfel ta' Triq Dun Franġisk Sciberras (C/6/Vol IX)**

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq numru ta' ritratti li jindikaw l-istat tal-bankina fin-naħa t'isfel nett ta Triq Dun Franġisk Sciberras f'dak li huwa qtugħ ta' ħaxix u l-istat tal-bankina quddiem Seashells Court.

18.3. Ittieħdet nota sabiex isir ix-xogħol meħtieġ.

**19.1. Attività parti mill-Valletta 2018 (F/4)**

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fil-15 ta' Ġunu 2016 saret laqgħa għall-għaqdiet tal-lokalità dwar l-inizjattiva tal-Fondazzjoni Valletta 2018 li qed tissejjaħ "L-Ikla t-Tajba". Minn dak li ntqal fil-laqgħa jidher li l-fondazzjoni ser tidħol għal proġett pilota li jinvolvi l-għaqdiet volontarji mir-Reġjun tat-Tramuntana. Il-kordinattriċi tal-Valletta 2018 ser tkun qed tikkuntattja direttament lill-għaqdiet tal-lokalitajiet involuti.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**20.1. *EDEN Network Meeting* (T/12/2)**

20.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta 56 tal-24 ta' Mejju 2016 u għarraf li l-EDEN Network ser jibgħat lill-Dr Janet Cocraine sabiex taħdem fuq l-itinerarju tal-konferenza li ser isseħħ fl-25 u s-26 ta' Ottubru 2016 fil-Mellieħa. Ser ikun qed isir *filming* ta' postijiet ta' interess fil-lokalità matul l-istess żjara. Kompla jgħid li l-Kunsill intalab jipprovdi l-akkomodazzjoni u l-ikel għal Dr Cocraine tul iż-żjara tagħha f'Malta.

20.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed u approva s-servizz mitlub.

**21.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2016 (F/1/7/Vol III)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fis-16 ta' Ġunju 2016, il-Ministru tal-Ekonomija, l-Investiment u Intraprizi Żgħar – l-Onor. Chris Cardona - ippreżenta il-premjijiet imsemmija a bażi tal-iniżjattivi li ttieħdu fl-aħħar sena li kienu jvarjaw mill-organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari u l-

*EDEN Network Meeting*, liema inizjattivi jagħtu valur miżjud lil-lokalità. Il-premju jikkonsisti f'għotja ta' €10,000, li €6,000 jitħallsu mill-ewwel, filwaqt li l-kumplament jingħata wara li jiġi verifikat li l-azzjonijiet kollha msemmija fil-formola tan-nomina jkunu twettqu.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**22.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2016 (F/1/7/Vol III)**

22.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fis-16 ta' Ġunju 2016, il-Ministru tal-Ekonomija, l-Investiment u Intraprizi Żgħar – l-Onor. Chris Cardona - ippreżenta il-premjijiet imsemmija a bażi tal-iniżjattivi li ttieħdu fl-aħħar sena li kienu jvarjaw

22.3. mill-organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari u l-*EDEN Network Meeting*, liema inizjattivi jagħtu valur miżjud lil-lokalità. Il-premju jikkonsisti f'għotja ta' €10,000, li €6,000 jitħallsu mill-ewwel, filwaqt li l-kumplament jingħata wara li jiġi verifikat li l-azzjonijiet kollha msemmija fil-formola tan-nomina jkunu twettqu.

22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġieta aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju 2016 fis-7.00 pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**